# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum l-14 ta' Lulju 2020**

Appell numru 441 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Matthew DARMANIN**

Il-Qorti :-

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-27 ta' Novembru 2018 fil-konfront ta' Matthew DARMANIN, karta tal-identita bin-numri 0356098M fejn ġie mixli talli fl-24 ta' Jannar 2017 għall-ħabta ta' 20:40 fi Triq ix-Xatt, Il-Pieta', saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni MAT 924 :

    1. Mingħajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;
    2. U b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku ħabat ma

vettura BUS 832 u involontarjament ikkaġuna ħsarat għad-dannu ta' Malta Public Transport Services.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' elfejn tliet mija u tmenin euro (€2380) u, ai termini tal-artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat is-sospensjoni tal-liċenza għal żmien tnax il-xahar.

3. Illi minn din is-sentenza Matthew DARMANIN interpona appell fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi mħasra u revokata, b'dan li jekk il-Qorti xorta waħda tikkonferma l-ħtija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni hija tvarja s-sentenza tagħha billi timmodera t-terminu tas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan tal-appellant. Ir-raġunijiet għal dan l-appell kien, fil-qosor, is-segwenti: -

i. Il-Qorti straħet fuq provi li qatt ma kienu ġew notifikati lill-appellant u b'hekk ma setgħux jiġi konsiderati minnha. Hu qatt ma ġie notifikat biċ-ċitazzjoni u bl-affidavits. Huwa fil-fatt ma kienx deher għall-ewwel seduta fis-6 t'Ottubru 2017 u ġie mmultat u ordnat jinġieb quddiem il-Qorti fis-seduta tat-23 ta' Frar 2018. Għalkemm dik is-seduta ġiet miżmuma, l-verbal ta' dik is-seduta jirriżulta li huwa nieqes. Minkejja li kien sar tentattiv biex jiġi rintraċċjat, dan baqa' ma nstabx. Fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2018, din id-darba magħmul mill-Qorti

komposta b'Maġistrat differenti jattesta dan il-fatt. Dik il-Qorti kif issa presjeduta kienet ħafret il-multa imposta għal disprezz. Irriżulta wkoll li l-appellant kien ġie notifikat fit-22 ta' Mejju, iżda ma hemmx ta' liema sena kif ukoll fit-23 ta' Lulju 2017. Dawn iż-żewġt notifiki jitfgħu dubju dwar l-eżattezza tad-dokument, u jippruvaw li l-appellant ma kienx ġie notifikat. Apparti minn hekk il-polza tal-assikurazzjoni ta' Kenneth Darmanin ġie inserita wara r-referta fuq imsemmija. Din ma kienetx tifforma parti mid-dokumenti li suppost ġew notifikati lill-appellant maċ-ċitazzjoni. Jgħid li din ġiet inserita arbitrarjament. Huwa jtenni li dan kien dokument li ma setgħa qatt jiġi meqjus prova kontra tiegħu. Mill-qari tas-sentenza jirriżulta li dan id-dokument kien il-bażi għal kundanna tal-appellant. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova terġa tinnotifika lill-appellant minkejja li huwa kien ipprotesta n-nuqqas ta' notifika.

ii. Sid il-vettura BUS 832 ma xehedx fil-proċeduri u b'hekk ma ġiex pruvat li l-appellant kien għamel ħsara fil-vettura de quo. B'hekk huwa ma setgħax jiġi misjub ħati tat-tieni imputazzjoni.

iii. Kwantu għas-sospenzjoni imposta, l-appellant jisħaq li huwa delivery man u li kien jeħtieġ il-liċenza għax-xogħol tiegħu.

***Ikkunsidrat : -***

4. Wara li din il-Qorti eżaminat l-atti tal-kawża, jirriżulta li dan il-każ, fis-sempliċita tiegħu kellu iter proċedurali travaljat inutilment.

Jibda' biex jingħad li hemm vakum proċedurali fir-rigward ta' sewwasew x'ġara f'din il-kawża matul is-seduta tat-23 ta' Frar 2018. Dan peress li l-verbal ta' dik l-udjenza huwa nieqes. Mhux ċar x'ġara matul dik is-seduta. Żgur li fiha xehdu xi xhieda, fosthom Eric Mercieca u dan peress li f'paġna 25 tirriżulta kopja tat-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tiegħu. Iżda ma hemmx aktar indikazzjoni ċara dwar min xehed jew x'ġara ukoll f'dik is-seduta. F'paġna 26 tal-atti jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati kif kienet presjeduta dak iż-żmien mill-istess Maġistrat li għamel is-seduta tat-23 ta' Frar 2018, kienet irrimarkat li t-traskrizzjoni tax-xhieda tas-seduta preċedenti mhux inseriti fl-att. Iżda dik il-Qorti ddifferiet il-kawża għas-sentenza għas-17 ta' Settembru 2018.

5. Ġara pero li fil-mori dak il-Maġistrat li kien qiegħed jippresjedi dik il-kawża u li allura kien semgħa x-xhieda li xehdu fis-seduta tat-23 ta' Frar 2018 ġie elevat għal Imħallef. Il-kawża ġiet assenjata lil Maġistrat ġdid. Din il-Maġistrat mill-ewwel ordnat lir-Reġistratur biex mill-iktar fis possibbli jinserixxi fil-proċess il-verbal tat-23 ta' Frar 2018.

6. Ġara pero li fit-3 t'Ottubru 2018 ir-Reġistratur wieġbet li minn tiftix li kien sar ma nstabet ebda dokumentazzjoni oltre dak li kien hemm fl-atti ta' din il-kawża.

7. Fis-seduta tal-15 t'Ottubru 2018 l-Avukat tal-imputat issa appellant kien ivverbalizza li fis-seduta tat-23 ta' Frar 2018 "*kienu xehed Eric Mercieca fl-istess seduta*". Ivverbalizza wkoll li f'dik is-seduta id-

Difiża kienet għalqet il-provi tagħha u l-kawża kienet intbagħatet għas-sentenza, u kkonferma wkoll li dik il-kawża setgħet tibqa' għas-sentenza.

8. Dik il-Qorti fil-fatt iddifferiet il-kawża għas-sentenza għas-27 ta' Novembru 2019.

9. Illi din il-Qorti jidhrilha li dan l-iter proċedurali travaljat ma jirrendix is-sentenza kundannatorja bħala *safe and satisfactory*. Jirriżulta mill-verbal a fol. 17 li matul l-ewwel seduta miżmuma fis-6 t'Ottubru 2017 il-Qorti kienet rat ir-referta pożittiva tal-imputat appellant u ordnat il-ħruġ ta' "*mandat t'arrest ghas-seduta li jmiss fil-konfront tal-imputat u twahhlu multa ta' €120 bhala disprezz*". F'paġna 18 imbagħad hemm ir-referta mnejn jirriżulta li Matthew Darmanin ġie notifikat personalment minn PC1601 biċ-ċitazzjoni u l-affidavit hija fid-data ta' "22/5". Imbagħad hemm ukoll notament bil-linka ħamra fuq nett tar-referta li mhix ċara, iżda tagħti l-impressjoni li kien hemm notifika oħra fit-23 ta' Lulju 2017 bil-komparixxi u l-affidavit. L-indikazzjoni għalhekk hija li l-imputat appellant kien ġie, b'xi mod, notifikat jew tentat li jiġi notifikat, għal darba, darbtnejn. Iżda peress li din hija kwistjoni li jista' jkollha impatt fuq il-meritu ta' dawn il-proċeduri, din il-Qorti mhix sejra tippronunzja ruħha ulterjorment dwarha u dan għar-raġunijiet segwenti.

10. Mill-komparixxi jirriżulta li l-Prosekuzzjoni kienet ħarket bħala xiehda tagħha lil PS1268, Eric Mercieca, rappreżentant tal-MTP u rappreżentant ta' Middlesea Insurance. Fil-fatt l-affidavit ta'

PS1268 jirriżulta eżebit a fol 2 sa' 4 flimkien mal-NPS a fol 6, l-iskizz a fol 13, u l-korrispondenza ta' dan is-Surġent mal-kumpanija tal-Assikurazzjoni permezz t'email eżebita a fol 14 sa 16.

11. Kif intqal, fis-seduta tas-6 t'Ottubru 2017 l-imputat appellant ma kienx deher il-Qorti u b'hekk żgur li ħadd minn dawk il-persuni indikati b'xiehda ma xehed. B'hekk dil-Qorti tassumi li probabbilment dawn ix-xiehda, minbarra PS1268 li xehed bl-affidavit, ġew imħarkin għas-seduta tat-23 ta' Frar 2018. Biss ta' dan ma hemmx ċertezza. Hemm biss indikazzjonijiet. Żgur li hemm it-traskrizzjoni tax-xiehda t'Eric Mercieca; u fuq iċ-ċitazzjoni hemm notament bil-lapes ħdejn ismu "*front seat passenger*". Mhux magħruf min għamel dan il-kumment iżda din il-Qorti tassumi li kien il-Maġistrat sedenti. Hemm ukoll ir-referta pożittiva a fol 23 tar-rappreżentant MPT inġunt biex jixhed f'dik is-seduta. Fiċ-ċitazzjoni, ħdejn l-intestazzjoni "*Rapp MPT c/o Mdina Road Qormi*" hemm sinjal bil-lapes bħal tikkjatura. Għal darb'oħra din il-Qorti ma tafx min għamel dik it-tikkjatura, iżda probabbilment kien il-Maġistrat sedenti wkoll. Żgur hu pero li a fol 24, ċjoe immedjatament wara r-referta pożittiva tar-rappreżentant MPT hemm dokument maħruġ minn Mapfre Middlesea p.l.c. iffimat bħala vera kopja minn xi persuna mhux magħrufa. Hemm ukoll dokumenti oħra minn din l-Assikurazzjoni minn fol 19 sa 21, li wkoll huma mmarkati bħala vera kopji, possiblment minn Moira Magro li hija indikata bħala U/W. Biss anke din hija supposizzjoni.

12. B'xorti ħażina ma hemm ebda indikazzjoni dwar x'ġara sewwasew fis-seduta tat-23 ta' Frar 2018 u dwar min xehed u ma xehedx. Żgur hu li dawn id-dokumenti minn xi mkien ġew, u ma hemmx indikat li dawn ġew eżebiti mill-Prosekuzzjoni jew mid-Difiża. Żgur hu pero li l-Qorti tal-Maġistrati kif kienet presjeduta fit-23 ta' Frar 2018, matul is-seduta sussegwenti tas-26 t'April 2018 irrimarkat li t-traskrizzjoni tax-xhieda tas-seduta preċedenti mhux **inseriti** fl-atti. Jiġifieri rreferiet għal din it-traskrizzjoni fil-plural – "*inseriti*" – u mhux fis-singular – "*inserita*" – li kieku kull ma kien hemm xiehda traskritta ta' xhud wieħed biss. Din tagħti indikazzjoni li b'hekk fis-seduta tat-23 ta' Frar 2018 kien hemm aktar minn xhud wieħed li xehed. Iżda ta' dan ma hemm ebda konferma.

13. Din il-Qorti rat li mbagħad inbidel il-Maġistrat peress li dak li kien ippresjeda s-seduta tas-6 t'Ottubru 2017, 23 ta Frar 2018 u s-26 t'April 2018 kien ġie elevat għal Imħallef. Il-Maġistrat il-ġdid għamlet tentattiv biex tirrikostruwixxi dik il-parti tal-proċess li kienet nieqsa, senjatament il-verbal tat-23 ta' Frar 2018 li kien determinanti. Imbagħad sar dak il-verbal mid-Difiża fejn iddikjara li fis-seduta tat-23 ta' Frar 2018 "**kienu** xehed" Eric Mercieca u li fl-istess seduta id-Difiża kienet għalqet il-provi tagħha. Jiġifieri l-imputat kien xehed jew le? Ir-rappreżentanti tal-MTP u Mapfre Middlesea kienu xehdu jew le? Min kien preżenta d-dokumenti tal-Assikurazzjoni eżebiti a fol 19 – 21 u 24? Żgur li l-Maġistrati il-ġdid ma semgħet ebda xiehda. Iżda wara l-verbal tad-Difiża iddifferiet il-kawża għas-sentenza. Żgur hu li dik il-Qorti ma semgħetx provi u minkejja li kellha indikazzjoni ċara li għas-seduta preċedenti presjeduta minn Maġistrat differenti kien

hemm xhieda oħra imħarka, b'indikazzjoni li kienet ġiet mogħtija, iżda li traskrizzjoni tagħha ma kienetx tinstab fl-atti.

14. Din il-Qorti kien ikollha anqas diffikulta li kieku din is-sentenza ingħatat mill-istess Maġistrati li ppresjeda l-kawża fit-23 ta' Frar 2018 – u dan għaliex, almenu kien ikollha s-serħan il-moħħ li l-Maġistrat kien semgħa x-xiehda li kienu imħarkin, anke jekk forsi l-verbal tiegħu li għamel dan kien ġie mitluf jew distrutt.

15. Iżda l-fatt li din is-sentenza ingħatat minn Maġistrat ieħor, fi sfond t'inċertezza proċedurali bħal dik deskritta aktar il-fuq fejn hemm nuqqas t'informazzjoni kbira fir-rigward ta' x'ġara matul l-aktar seduta importanti f'dan il-proċess u li seħħet fit-23 ta' Frar 2018, u d-dokumenti hemmhekk eżebiti, magħquda mal-fatt li l-Maġistrat il-ġdid ma semgħetx provi, tirrendi din is-sentenza ***inċerta***.

16. Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Pace*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-21 ta' Ġunju 2001 fejn kien intqal is-segwenti : -

> Kif gie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Helga D'Alessandro***, in-nuqqas tal-gudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta ghal aktar minn semplici nuqqas ta' formalita` sostanzjali jew xort' ohra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali. Tali nuqqas jincidi fuq is-sustanza tal-procedura kollha adoperata mill-ewwel qorti. Minkejja dan, il-konsegwenza ghandha tkun l-istess bhalma jipprovdi l-imsemmi subartikolu. Tali nuqqas, u l-konsegwenti nullita` tas-sentenza, huma sollevabbli *ex officio* minn din il-Qorti. U biex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellat, mill-beneficcju tad-doppju ezami, din il-Qorti ser tipprovdi bil-mod infraskritt.

## *Deċide*

Għaldaqstant din il-Qorti, għall-motivi premessi, tiddisponi minn dan l-appell billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u sabiex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-doppju eżami, tordna lir-Reġistratur sabiex minnufih jerġa' jibgħat lura l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tisma' l-kawża u tiddeċidiha skont il-Liġi.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***